# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 7 ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru: 218/12/1 CSH**

**Louis Cuschieri u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2017 l-atti gew legittimati f'isem Victoria Micallef u Maria DeGabriele fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejjet Louis Cuschieri**

**vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**Il-Qorti,**

Rat li fl-20 ta' Lulju 2012 Louis Cuschieri pprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn espona:

*"Illi l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficjali datata 15 ta' Gunju 2012 fejn qed jintalab ihallas is-somma ta' €1,421.66 li skond id-Direttur intimat hija dovuta mill-esponenti in kwantu ghas-somma ta' €710.81 bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa tal-mewt u donazzjoni ai termini tal-Artikolu 29 ta' l-Att XLVII tal-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni u in kwantu ghas-somma ta' €710.81 imghax ta' 8% skond l-avviz ta' likwidazzjoni anness ma' l-istess ittra ufficjali (kopji hawn annessi u markati Dok. A).*

*Illi l-esponenti hass ruhu aggravat u ghalhekk qed interponi dan l-appell.*

*Illi l-aggravji ta' l-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

1. *Illi din it-taxxa hija relatata mal-wirt ta' mart l-esponenti u cioe' Guglielma sive Winnie Cuschieri li mietet fit-13 ta' Lulju 1990, jigifieri tnejn u ghoxrin sena ilu.*

2. *Illi qabel xejn it-talbiet ghal hlas maghmula fl-ittra ufficjali fuq imsemmija huma preskritti u dan ai termini ta' l-Artikolu 35(1) ta' l-Att XLVII ta' l-1973.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemmx lok ghal hlas ta' taxxa addizzjonali stante illi l-valur li fuqu effettivament thallset it-taxxa mill-intimat kien wiehed veritjier.*

*Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi jirriserva d-dritt li jressaq dawk il-provi kollha li huma permessibbli mil-ligi jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu, prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna jilqa' dan l-appell u konsegwentement jannulla l-likwidazzjoni maghmula mill-istess intimat u jiddikjara illi l-ebda ammont ma hu dovut mill-esponenti lill-istess intimat bhala likwidazzjoni finali u imghax skond l-avviz ta' likwidazzjoni anness ma' l-istess ittra ufficjali fuq imsemmija datata 15 ta' Gunju 2012 u dana ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi u bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimat."*

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) pprezentata fl-20 ta' Awissu 2012 fejn eccepixxa:

"*Illi l-azzjoni tar-rikorrent hija rritwali u mproponibbli stante illi r-rikorrent qieghed jikkontesta l-ammont pretiz mill-esponenti meta t-talba ta' l-esponenti ghall-hlas ta' dan l-ammont tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 35 ta' l-Att XLVII ta' l-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni , u ghalhekk ir-rikorrent ma ghandu l-ebda jedd li jopponi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tal-esponenti ottjenut skond il-Ligi.*

*Illi dan l-Onorabbli Tribunal ma ghandux il-kompetenza sabiex jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz, stante illi dan il-kaz ma jaqax taht l-Artikolu 58 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan mhux biss minhabba l-fatt li l-likwidazzjoni kienet giet accettata mir-rikorrent, izda wkoll minhabba l-fatt li l-ammont pretiz mill-esponenti jikkonsisti f'bilanc parti minn somma akbar li kienet bdiet tithallas mir-rikorrent.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.*

*Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*"

Rat il-verbal tal-5 ta' Dicembru, 2012 fejn fid-dawl tal-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mid-Direttur Generali, l-partijiet qablu li t-Tribunal kellu jaghti decizjoni dwarhom qabel ma jitratta l-mertu tal-proceduri. Inoltre gie dikjarat li fid-dawl tal-istess zewg eccezzjonijiet hemm lok ghall-inverzjoni tal-provi.

Rat illi fil-11 ta' April, 2013, b'referenza ghall-eccezzjonijiet minnu sollevati, d-Direttur Generali (Taxxi Interni) ipprezenta nota li permezz taghha esebixxa:

1. Kopja tal-ftehim datat 18 ta' Settembru 1992, permezz ta' liema r-rikorrent Louis Cuschieri kien accetta l-likwidazzjoni ta' taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni rigward is-successjoni ta' Winifred Cuschieri – Dok. DGRT1;

2. Kopja ta' korrispondenza rigward hlasijiet li kienu saru – Dok. DGTI2;

3. Kopja tal-minuta dwar l-ahhar hlas li sar – Dok. DGTI3.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) pprezentata fil-15 ta' Lulju, 2013 u dik tar-rikorrent Louis Cuschieri pprezentata fit-23 ta' Awissu, 2013.

Rat id-Drigriet in Camera moghti mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva nhar is-16 ta' Marzu, 2016 fejn inghad:

*"Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jtenni li fil-fehma Tieghu ma huwiex kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent in kwantu tali kompetenza tispetta lill-Qorti li qed tittratta l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, llum Kummissarju tat-Taxxi, jippretendi li ghandu fil-konfront tar-Rikorrent, ossia lill-Qorti tal-Magistrati (Malta), jordna li l-atti ta' dawn il-proceduri jigu trasferiti lill-imsemmija Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tal-istess."*

Rat illi l-atti ta' dan ir-rikors gew assenjati lilha mir-Registratur tal-Qorti wara li inghata d-digriet mit-Tribunal.

Rat illi b'digriet taghha tat-28 ta' Marzu, 2016, din il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smiegh quddiemha ghal nhar it-13 ta' April, 2016.

Rat illi fi-15 ta' Novembru 2017 gie prezentat rikors fl-atti tal-kawza minn Victoria Micallef u Maria Degabriele fejn infurmaw lill-Qorti li r-rikorrenti Louis Cuschieri miet fil-mori tal-kawza u li ghalhekk kien hemm bzonn li l-atti jigu legittimizzati.

Illi illi b'digriet taghha tal-21 ta' Novembru 2017 l-atti gew legittimati f'isem ulied ir-rikorrent u cioe' f'isem Victoria Micallef u Maria DeGabriele (fol. 73).

Semghet l-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kwistjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrenti fir-rikors promotur u cioe' fejn sostna li t-talba tal-intimat hija preskritta ai termini tal-Artikolu 35 (1) tal-Att XLVII tal-1973 u dan fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018 fejn talbu li din il-Qorti taghti sentenza dwar din l-istess eccezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kif ukoll fit-trattazzjoni orali li saret quddiem din il-Qorti jghid li kien hemm ftehim bejn il-kontendenti u cioe' bejn id-decujus rikorrenti Louis Cuschieri u l-intimat u allura stante li kien hemm ftehim, dan ifisser li l-likwidazzjoni hija wahda finali u konklussiva ghall-finijet tal-Att XLVII tas-sena 1973.

Minn naha l-ohra l-intimat isostni li l-ftehim datat 18 ta' Settembru 1992 huwa dak esebit fl-atti u cioe' dak immarkat bhala Dok DGTI 1 a fol 27 tal-atti.

Illi ghalhekk jehtieg li din il-Qorti tanalizza dak li jipprovdi dan id-dokument u cioe' s-segwenti. Louis Cuschieri iddikjara fit-18 ta' Settembru 1992 is-segwenti:

"*With reference to the notice of succession of the late Winifred Cuschieri, deceased on the 13$^{th}$ July 1990, I hereby agree to accept your assessment to*

*death duties based on values as given by the departmental engineer, viz LM20,500 instead of LM20,000 in respect of house 'Il-Kenn Taghna'. Wied Ghollieqa, Kappara and Garage no 33, Msida Road, Gzira as declared while the company shares of Continental Purchasing Co. Ltd and Contigen Insurance Agency Ltd are valued and assessed respectively at LM 19.21 and LM2 each, provided that the additional duty of LM 10,000 incurred is reduced to a nominal amount of LM100. I understand that this agreement is subject to the approval of the Commissioner of Inland Revenue."*

Illi ghalhekk minn ezami tal-istess jirrizulta li dan id-dokument ma jammontax ghal ftehim finali izda wiehed suggett bil-klawsoli kundizzjonali fis-sens li jridu javveraw ruhhom sabiex l-ftehim jigi meqjuz bhala finali. Ghalhekk jidher li dan il-ftehim huwa soggett ghal zewg kundizzjonijiet u b'dispjacir tinnota li l-intimat ma ghamel l-ebda referenza ghal dawn iz-zewg kundizzjonijeit u cioe':-

1. "*… provided that the additional duty of LM 10,000 incurred is reduced to a nominal amount of LM100.* u
2. *I understand that this agreement is subject to the approval of the Commissioner of Inland Revenue."*

Illi sabiex l-intimat jibqa' jghid li dan id-dokument jikkostitwixxi ftehim finali irid jipprova li dawn iz-zewg kjarifiki gew sodisfatti.

Issa minkejja li d-dokumentazzjoni u provi f'dan ir-rikors huma skarsi, jirrizulta li hemm esebit mill-intimat stess ittra datata 2 ta' Mejju 1995 mibghuta mid-Direttur tal-Capital Transfer Duty lill-personal assistant tal-Ministru tal-Finanzi dwar dak li kien gie imsemmi fid-dokument tat-18 ta' Settembru 1992. F'din l-ittra s-Sur Bonello ghamel referenza ghall-ittra precedenti mibghuta minnu stess lill-assistant tal-Ministru fejn staqsih itih direzzjoni jekk in effetti it-talba tas-Sur Cuschieri kinitx ser tigi accettata jew le sabiex ikun jaf jekk setghux jipprocedu sabiex jigbru l-bilanc dovut fuq id-death duties dovuti fuq is-successjoni ta'

Winifred Cuschieri. Ghalhekk b'din l-istess ittra l-intimat qed jirrikonoxxi li in effetti ftehim ma kienx ghadu intalhaq fis-sena 1995. Ghalhekk isegwi li l-likwidazzjoni qatt ma setghet tigi deskritta bhala wahda konkluza u finali kif jipprova ipingi l-intimat u ghalhekk del resto isegwi li ma hemm l-ebda titolu esekuttiv fuq il-materja.

Illi l-intimat fin-ntoa tieghu jitkellem dwar x'inhi l-procedura li ghadha tigi adoperata una volta jkun hemm likwidazzjoni finali u cioe' li jigi interpost appell skont l-Artikolu 29 tal Att XLVII tal-1973 jew skond l-Artikolu 25(2) skond l-istess att f'kaz li kien hemm ftehim, li f'dan il-kaz ftehim finali ma hemmx.

Huwa minnu li jekk ikun hemm likwidazzjoni finali skond l-Artikolu 29 tal-Att, allura ikun hemm titolu esekuttiv pero' l-ewwel irid ikun hemm din il-likwidazzjoni finali.

Illi huwa minnu li r-rikorrenti kien ghamel numru ta' pagamenti akkont skond id-dokument esebit a fol. 30 mmarkat bhala Dok A pero' dan ma jfisssirx li huwa kien wasal fi ftehim finali mad-Dipartiment. Ifisser li kien jaf li kellu x'jaghti u ried jibda jnaqqas mid-debiti tieghu.

Illi jigi rilevat li in effetti l-ahhar pagament li sar akkont kien fis-6 ta' Gunju 1994 (kif muri fol. 30) u ghalhekk tlieta u ghoxrin sena ilu u l-intimat ma ressaq l-ebda dokument gudizzjarju sabiex jipprova li in effetii zamm dan id-debitu haj salv ghall-prezentata ta' ittra ufficcjali li saret fil-15 ta' Gunju 2012 (fol. 3). Illi kuntrarjament ghal dak li ntqal mill-intimat, ir-rikorrenti ma kienx qed jaghmel pagamenti akkont a bazi ta' xi ftehim u ghalhekk minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrenti ammetta li kellu xi debitu u wisq inqas li kien hemm xi bilanc, izda semmai kien hemm trattativi li jasal ghal xi ftehim skond iz-zewg kundizzjonijiet imposti minnu li ma avverawx ruhhom.

Dwar l-preskrizzjoni, il-Qorti taghmel refernza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Korporazzjoni Servizzi ta' l-Ilma vs Oil and Construction International Limited'**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-28 ta' April 2004, il-Qorti qalet, "*In linea generali huwa dotrinalment ricevut illi l-preskrizzjoni hija definita bhala mod ta' estenzjoni ta' dritt fejn il-fondament taghha hu rikondott ghar-rinunzja tacita da parti tat-titular tad-dritt. Abbinat ma' din it-tifsira jinghad ukoll illi l-esigenza ta' preskrizzjoni hi dik li tigi assikurata ic-certezza tar-rapporti guridici ... Fil-kaz allura li titqajjem il-preskrizzjoni l-unika procedura konsentita kienet dik li l-attur jipproduci provi dwar l-interruzzjoni jew is-sospenzjoni tal-perijodu preskrittiv jew dwar l-ammissjoni tal-kreditu da parte tal-konvenut debitur tieghu …*"

Din l-ammissjoni jew rinunzja "*ghandha tigi pruvata b'mod car u konkludenti; u ma tistax tigi ammessa meta hija bazata fuq atti u fatti illi ma humiex univoci u jistghu jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet diversi.*" (Vol. XXXV P 1 p 101)

L-unika dokument illi jista' b'xi mod iservi ta' interruzzjoni jew ammissjoni huwa dak esebit Dok. DGTI1 a fol. 27 bid-data 18 ta' Settembru 1992. Dan id-dokument mhux wiehed finali izda soggett ghal zewg kundizzjonijiet kif imsemmija aktar 'il fuq.

Il-Qorti ma jidhirlix illi, stante dawn il-kundizzjonijiet dan id-dokument ghandu jitqies bhala prova cara u konkludenti ta' l-ammonti illi qieghed jirreklama l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza jorbot l-eccezzjoni sollevata fuq is-subinciz (2) tal-Art. 47 tal-Kap. 372. Dan testwalment jipprovdi illi:

"*... l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista' tinbeda matul kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu*

*sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva."*

**Illi ghalhekk a bazi ta' dak li intqal aktar 'il fuq, il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tar-rikorrenti li l-azzjoni odjerna hija preskritta u konsegwentment tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-intimat.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Regstratur**